MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 74/2004

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta Christopher Vella u l-istess Christopher Vella**

**Vs**

**Ronald Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta Jannar 2004 fejn l-attur  qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta mija tmienja u tletin lira tnejn u disghin centezmu (Lm138.92) rapprezentanti danni kkagunati f'incident stradali li sehh fit-28 ta Ottubru 2003 bejn il-vettura Daewoo Racer numru IBC 687 misjuqa mill-attur u skoda favorit numru BAO 079 misjuqa mill-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi inkluzi dawk ta l-ittra ufficcjali ta' llum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax legali dekorribbli minn

notifika ta dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti esebiti mal-avviz a fol 2 sa 7 tal-process;

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-30 ta Jannar 2004 fejn giet kkontestata t-talba attrici stante li kien l-istess attur unikament responsabbli tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Bl-ispejjes kontra l-atturi minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Illi dan il-kaz si tratta ta habta li grat fil-By Pass ta B’kara. L-attur kien qed isuq fuq il-karreggjata ta gewwa. Hin minnhom naqqas il-velocita peress li kellu l-hsieb li ser jieqaf pero rega bidel fehemtu, zied l-ispeed tieghu u kompla gheddej. Huwa jghid li f’ebda mument ma waqaf kompletament. F’mument minnhom l-attur xehed li ra l-vettura tal-konvenut gejja minn ma gembu mill-mera tal-gemb u waqt li qiegdhha tissorpassah, thaxknet mieghu u wara waqfet quddiemu. Fil-fatt il-hsarat fil-vettura tal-attur jinsabu kollha fil-gemb fuq in-naha ta quddiem. In kontro-ezami l-attur jikkonferma l-posizzjoni tal-vetturi fejn spiccaw kif indikati fuq l-iskizz Dok CV2. Bejn wiehed u iehor din kienet il-verzjoni li huwa ta lill-pulizija li riprodotta fir-rapport Dok CV1;

Alex Bonnici li kien rikeb passiggier ma l-attur fuq quddiem ighid li l-attur kien qed isuq fuq il-karreggjata tieghu fil-B’kara By Pass u li l-vettura tal-konvenut ra gejja mill-gemb b’certa velocita eccessiva. Dan ix-xhud jikkonferma wkoll il-korrettezza tal-iskizz mhejji mill-ufficcjal tal-pulizija Dok CV2, liema rapport (Dok CV1) u skizz (Dok CV2) kienu gew sussegwentement kkonfermati bil-gurament mill-pulizija in kwistjoni cioe PS 201 Sandro Magro.

Il-konvenut Ronald Micallef ighid li kif kien ghaddej fil-B'kara By Pass wara li qabez ir-roundabout ta fejn il-vodafone, hass daqqa fuq il-gemb tan-naha tal-passiggier fuq in-naha ta wara, issopona li gara xi haga u waqaf. Huwa jghid li kien u dejjem baqa miexi fuq il-lane ta gewwa kemm qabel u kif ukoll wara  l-imsemmija roundabout. F'hin minnhom pero jghid li ma hux cert dwar dan – jahseb li kien hekk. Huwa lanqas biss induna li kienet sehhet kollizjoni li kieku ma hassx id-daqqa fuq in-naha ta wara. Jiddeskrivi d-daqqa aktar bhala ghafsa u mesha. Il-konvenut immarka permezz ta l-inizjali tieghu fejn jahseb li sehh l-impatt fuq id-Dok CV2 u li skond hu dan sehh fil-Bokka tas-service road. It-Tribunal hawn jinnota li dik minn din il-Bokka tas-service road il-vetturi jistghu biss jidhlu ghaliha mill-By-Pass u mhux biex johorgu minnha ghal fuq il-By-Pass.

Illi t-Tribunal jinnota illi filwaqt il-verzjoni moghtija mill-attur tinsab korroborata mill-passiggier li kellu u kien konsistenti ma dak li rrapporta lill-Pulizija a tempo vergine, il-verzjoni moghtija mill-konvenut ma hiex daqshekk kredibbli anke minhabba certi inkonsistenzi fosthom is-segwenti:-

a. Fix-xhieda tieghu huwa jghid li d-daqqa fuq il-vettura tieghu kienet fuq in-naha ta wara. Dana ma jispjegax il-fatt 'il ghala il-pulizija sablu l-hsara fuq "Both left doors and front left mudguard".

b. Fix-xhieda tieghu huwa jaghti x'jifhem li l-vettura tal-attur qatt ma kien raha qabel il-habta tant illi jghid li kieku ma hassx id-daqqa l-anqas biss kien jinduna li sehhet il-kollizjoni. Din il-verzjoni hja differenti ferm minn kif gie rappurtat li rrakkonta lill-pulizija fejn qal "vehicle IBC 687 emerged from the side and although I tried to avoid the impact the other vehicle collided into me";

c. In-natura tal-hsarat fiz-zewg vetturi u cioe l-attur fuq il-gemb quddiem biss u l-konvenut fuq il-gemb kollu aktar taghti hija ndikattiva tal-moviment kif spjegat mill-attur u cioe li l-konvenut tkaxkar mieghu, hu u qed jaqbzu, milli kif donnu spjega l-konvenut fir-rapport tieghu li l-attur hareg mill-gemb u laqtu. Anke il-fatt kif il-konvenut spjega d-daqqa u cioe qisha mesha timmilita kontra l-verzjoni tieghu fir-rapport – u dejjem qed nghidu fir-rapport peress

li fix-xhieda tieghu huwa donnu qed jaghtina x'nifhmu li ma jafx proprjament kif sehh l-incident in kwistjoni.

Illi jigi notat ukoll li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il-kwantum tad-danni.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet ta l-atturi u kwindi filwaqt li jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli tal-incident in kwistjoni, jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma rikjesta ta mija u tmienja u tletin lira tnejn u disghin centezmu bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-21 ta Jannar 2004 u bl-ispejjes ta dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------